**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru 2024</u>**

**<u>Rikors guramentat nru : 145 /2021 AGV</u>**

**<u>Fl-ismijiet:-</u>**

**AC**

**Vs**

**MC**

Il-Qorti,

Rat ir- Rikors mahluf ta' AC fejn ippremetta s-segwenti :-

1. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 2009, fl-atti tan-Nutar Dr .Joseph Smith La Rosa l-attur u l-konvenuta sseparaw personalment minn xulxin skond il-kundizzjonijiet u termini msemmija fl-istess kuntratt u abbazi tal-fatt li l-hajja konjugali bejnithom saret impossibbli u z-zwieg taghhom falla u dana ghal ragunijiet kontemplati fil-Ligi u li minhabba fihom huma ntitolati li jisseparaw.

2. Illi skond il-klawsola erbgha (4)(ii) tal-istess kuntratt l-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar liema somma tinghata bhala manteniment lill-mara.

3. Illi l-attur skopra li l-konvenuta kienet adultera u li ghandha relazzjoni ma' ragel iehor liema relazzjoni ilha ghaddejja ghal bosta snin.

4. Illi l-agir fuq imsemmi tal-konvenuta jikkostitwixxi adulterju fit-termini tal-Artikolu 38 tal-Kodici Civili u jintitola lill-esponent li jipproponi din l-istanza sabiex jottjeni dikjarazzjoni li martu ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghandu.

5. Illi nonostante din r-relazzjoni adultera u aperta mal-imsemmi P C , il-konvenuta mhux biss irrifjutat li tersaq ghal medjazzjoni tal - kuntratt ta' separazzjoni sabiex jitnehha l-obbligu tal-attur li jkompli jhallasha manteniment, izda talli baqghet tinsisti ghall-hlas tal-istess manteniment u dan waqt ir-relazzjoni mal-imsemmi PC .

6. l-esponent gie awtorizzat jippromuovi din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn permessi tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju kommess mill-konvenuta fuq l-insemmi adulterju.

2. Tistabbilixxi d-data li fih gie kommess l-adulterju u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuta permantement iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha b`effett mid-data fuq stabbilita jew b`effett minn kwalsiasi data ohra li jidhrilha xierqa u opportuna.

3. Tiddeciedi li b`effett mid-data hawn fuq imsemmijja illi d-dritt tal-istess konvenuta li tezercita l-manteniment ghaliha minghand l-esponenti ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie maghmul bejn il-partijiet , kif gie spjegat fil-25 ta' Settembru tas-sena 2009.

4. Tillikwida l-manteniment li jirrizulta, ghalhekk li gie mhallas indebitament mill-esponent lill-konvenuta mid-data li fija jkun stabbiliti li hija rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu sad-data tas-sentenza u jew datat verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi.

5. Tordna lill-konvenuta li thallas lura lill-esponent il-manteniment li jirrizulta li thallas lilha mill-esponent indebitament flimkien mal-

imghax legali relattiv u kif ukoll sabiex tirrifondi lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita bhala rifondabbli lilu ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

Rat ir- **RISPOSTA GURAMENTATA ta' MC li eccepiet is-segwenti:-**

1. In linea preliminari, l-irritwalita' u n-nullita' tal-proceduri odjerni ai termini tal-Artikolu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi r-rikorrenti naqas milli jhallas lill-intimata l-ispejjez tal-kawza intavolata minnu quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fl-istess ismijiet AC vs MC , Rikors guramentat numru 105/ 2014 AL liema kawza r-rikorrenti ceda fis-26 ta' April 2021 u sussegwentement ghal tali cessjoni il-Qorti permezz ta' digriet datat ukoll 26 ta' April accettat l-istess cessjoni, u kwindi astjeniet milli tiehu konkluzzjoni ulterjuri tal-kawza u ordnat li tinqata' minn fuq il-lista (Dok. MC1 ANNESS) . Din l-imsemmija kawza 105/2014 AL kienet tikkoncerna l-manteniment tal-Mara ghaliha skond il- kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet li fiha r-rikorrenti kien qieghed jitlob illi jitwaqqaf il-manteniment tal-mara u fost affarijiet ohra fix-xhieda tieghu stess f`dawk l-atti indikata li l-mara kellha relazzjoni ma' P C (Dok. MC2 Anness), in-natura fil-qofol tal-azzjoni odjerna hija l-istess bhala dik tal-azzjoni 105/2014 AL, li giet ceduta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, hawn si tratta ta' ftehim dwar pagament ta' manteniment per via ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhux soggett ghal ebda kundizzjoni ghal pagament u jew waqfien tieghu bhal ma' gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani, ghal dak pattwit bejn il-konjugi f' separazzjoni ghandu japplika fermament il-principju ta' *pacta sunt servanda*, Di piu, l-istess kuntratt jindika car li dak patwit, fis-separazzjoni ma jista' qatt jinbidel, ghal ebda raguni , kemm per esistenti kif ukoll sopravenjenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet numri 1 u 2 ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza odjerna, din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' l-ewwel talba sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b `dana pero tali dikjarazzjoni ghandha tinghata ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti u cioe', minhabba adulterju kommess mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat li mhux talli wassal ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet u ghall-konsegwenti separazzjoni bonjarja tal-25 ta' Settembru 2009, fl-atti Tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa izda talli l-istess adulterju baqa' jigi kommess minnu anke wara z-zwieg sal-lum in vista tar-relazzjoni certa u adultera tieghu ma' D M li flimkien ma' binha SD jghixu flimkien mar-rikorrenti.

4. Ghar-rigward ghat-tieni talba rikorrenti fil-waqt, illi l-Qorti ghandha tilqa' l-istess talba f`dik il-parti fejn ghandha tista' stabbilita data li fiha gie kommess adulterju, dan ghandu jsir fir-rigward tar-rikorrenti innifsu ai termini tal-eccezzjoni numru 3 supra konsegwentament din l-Onorabbli Qorti ghandha filwaqt li tichad it-tieni talba rikorrenti fil-kumplament taghha, tezercita d-diskrezzjoni moghtija lilha favur

l-intimat ai termini ta' l-Artikolu 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u billi taqta' u tiddeciedi illi hawn r-rikorrenti li permanentement iddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand il-mara rizultat tal-adulterju kommess minnu u mhux l-intimata.

Minghajr pregudizzju ghal dan eccepit, jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha li ghanda tilqa' it-tieni talba rikorrenti kif dedotta l-istess Qorti ghandha ukoll tapplika diskrezzjoni taghha ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta favur l-intimata billi tali dekadamenti ta' manteniment ghadha se mai tapplika mid-data tas-sentenza 'l quddiem u mhux retrovament u dana in kwantu r-rikorrenti, apparti l-adulterju tieghu ilu mis-sena 2011 jallega f' diversi proceduri inizjarji minnu quddiem l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta illi l-intimata kienet f`relazzjoni mat-terza persuna PC , u dan nonostante ghamel dawn l-ahhar ghaxar snin li ilu jallega dan jaccetta dan il-fatt, u kien biss wara ghaxar snin ta' tali allegazzjoni li ddecieda li jmexxi bil-kawza odjerna u dana wara li fil-frattemp kien ilu 7 snin imexxi kawza kontra martu ghall-waqfien tal-manteniment taghha u kwindi l-accettazzjoni u l-inadempjenza tieghu f' dan iz-zmien kollu ghandu jimmilita kontra l-istess rikorrenti f'decizjoni mitluba minn din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti fl-eventwalita' talba tintlaqa'.

5. Anki ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba rikorrenti in linea ma' dak eccepit fl-eccezzjoni numru 4 supra, din it-tielet talba rikorrenti ghandha tigi michuda u minflok ghandu jigi deciz illi huwa r-rikorrenti li ddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand il-mara minn dik id-data li tigi stabbilita bhala d-data li huwa kkommetta adulterju

fil-konfront taghha. Minghajr pregudizzju ghal dan suespost jigi rilevat, illi eventwalita' illi l-Qorti tilqa' it-tielet talba attrici, kif dedotta d-data li ghandha taghti ghal kwalsiasi dekadenza fir-rigward tal-intimata ghandha tkun id-data tas-sentenza 'l quddiem. Ghaldaqstant anki ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba rikorrenti din il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha favur l-intimata ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Ir-raba' talba attrici ghandha tigi michuda fl-intjier taghha in kwantu l-intimata qatt ma thallset manteniment ghaliha mir-rikorrenti mis-separazzjoni bonarja tal- 25 ta' Settembru 2009 sal-gurnata tal-lum izda ir-rikorrenti dejjem hallas u ghadu jhallas BISS manteniment baziku ta' €400 minnu dovut ghat-tfal tieghu N u EC minghajr awmenti skond l-gholi tal-hajja u lanqas spejjez ta' sahha u edukazzjoni liema manteniment dejjem kien jghaddi ghandu sal-gurnata tal-lum direttament lit-tfal lanqas lir-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. In vista ta' dak eccepit fir-rigward tar-raba' talba rikorrenti, anki l-hames talba rikorrenti ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante illi l-intimata qatt ma thallset manteniment ghaliha mir-rikorrenti u kwindi huwa impossibbli li thallas lura u tirrifondi lir-rikorrenti dak li hija qatt ma rceviet minghandu ghaliha. Di piu maghdud ma' dan jigi rilevat, illi dik is-somma li tigi stabbilit bhala rifondabbli ai termini tal-artikolu 25 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija legalment insostenibbli u ghandha tigi michuda in kwantu l-bazi ta' din it-talba ossia l-artikolu 25(2) ma japplikax ghal kaz odjern, izda japplika biss ghall-manteniment provizorju mhallas *pendente lite* wara illi ssir talba ghal daqshekk lill-Qorti fi proceduri pendenti quddiemha u

sussegwentement tali talba tigi michuda l-obbligu tar-rikorrenti sabiex ihallas il-manteniment lill-intimata jinsab ga kristallizat fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet tal-25 ta' Settembru 2009.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli bil-ligi.

**Bl -ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa ngunt minn issa in subizzjoni**.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1.**L-attur** jikkonferma li hu u l-konvenuta kienu sseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Smith La Rosa, f'Settembru, 2009. Minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal llum maggorenni.

Jammetti li l-konvenuta kellha ghaggla kbira sabiex jiffirmaw il-kuntratt u kien accetta l-kundizzjonijiet hemm imnizzla u ffirmah. In kontro-ezami jghid li kien jaf li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' haddiehor sa qabel is-separazzjoni. Jinnega li hu kien f'relazzjoni ma' haddiehor.

Ighid pero' li jhoss li l-konvenuta dahket bih peress li ghalkemm qed imantniha b'€200 kull xahar, ghandha kull fakulta' biex tmantni lilha nnifisha u kapaci taqla' l-ghixjien taghha. Qed jitlob li jieqaf ihallasha l-manteniment, izda jibqa' jhallas ghat-tfal.

Meta sseparaw jikkonferma li l-konvenuta kienet tahdem bhala *salesgirl* gewwa Balzan Pharmacy, Main Street, Balzan mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9 am sas- 1 pm. Apparti dan l-impjieg, il-konvenuta llum ukoll tahdem gewwa tat-Targa Clinic, il-Mosta bhala r*eceptionist* u ghalhekk id-dhul taghha zdied u m'ghandhiex bzonn li jmantniha, minkejja li ma kienx jaf x'inhu l-introjtu taghha.

Inoltre, jinsisti li l-konvenuta tghix hajja komda peress li qiedgha f'relazzjoni ma' P C  li huwa l-kap tas-sezzjoni sportiva tal-PBS u ghalhekk tghix hajja socjali komda ghax isiefer ta' spiss u jhallsilha u dan kif ammettiet hi stess mieghu.

Ighid li hu bhala dhul ghandu biss pensjoni peress li kien hareg bil-25 sena servizz mal-Korp tal-Pulizija. Bhalissa jahdem bhala senior security fil-Malta Freeport.

Jinsisti li f'dawn ic-cirkostanzi m'ghandux ikun iktar obbligat jikkontribwixxi ghall-manteniment lejn martu.

Ighid li prezentement qed ihallas il-manteniment tal-konvenuta permezz ta' cedoli ta' depozitu li qed jigu ddepositati l-Qorti peress li rrifjutawhom. Ighid li sas-sena 2018 kien dejjem ihallas €600.

In kontro-ezami jikkonferma li ghalkemm fl-2012 kien jaf li l-konvenuta kienet f'relazzjoni ma' P C,  kien fetah kawza biex iwaqqaf il-manteniment biss minhabba li kienet tahdem u kellha introjtu bizzejjed u mhux minhabba adulterju.

Jinsisti li l-konvenuta kkommettiet adulterju qabel ma sseparaw ghax kien jigi ghaliha minn quddiem id-dar. Ighid ukoll li konvint li llum il-konvenuta tghix ma' C peress li jara l-vettura taghha quddiem il-bieb tieghu.

Jinnega li l-avukat tieghu kien infurmah bl-abbozz li kien sar sabiex isiru emendi ohra fil-kuntratt, tant li fetah dina l-kawza.

Jinnega li qatt ma hallas ghall-manteniment tal-konvenuta, filwaqt li jikkonferma li ma kienx hallas il-COLA tat-tfal tas-snin 2012, 2015, 2018 u 2021. Jinnega li kien irtira d-divorzju minhabba li ma kienx hallas dan il-manteniment.

Dwar il-manteniment tal-konvenuta jghid li kien ghamel zewg pagamenti f'Marzu 2022 u April 2022 u dawn regghu intbaghtu lura lilu u kien ghalhekk beda jiddepositahom il-Qorti. Ighid ukoll li kien ihalliha l-flus cash gewwa envelope fejn kien jikteb fuq l-envelope. Jikkonferma li darba kien hemm okkazjoni fejn il-partner tieghu D, kienet harget cekk peress li kellu problema bil-card u ma setax jigbed il-flus.

Dwar il-fatt li ma semma xejn fuq l-envelopes fl-affidavit tieghu, ighid li dawn kienu ghand D u ma hassx il-htiega li jsemmihom.

2. **Il-konvenuta** tikkonferma l-ftehim li sar fil-kuntratt ta' separazzjoni, rigward il-hlas ta' manteniment ghall-uliedha u li l-attur kellu jghaddilha s-somma ta' €200 fix-xahar. Pero' tinsisti li kien ilu ma jhallasha minn Marzu 2013 minghajr ebda raguni u kien ighidilha li m'ghandhiex dritt tircievi manteniment.

Tikkonferma li minn meta sseparaw kienet ghadha taghmel l-istess xoghol u cioe' tahdem bhala *salesgirl* fl-ispizerija Balzan Pharmacy. Tghid li l-paga taghha kienet baqghet l-istess, hlief ghall-gholi tal-hajja u dan kien l-

ammont ta' €450 fix-xahar ghax ma taghmilx iktar minn tmintax-il siegha fil-gimgha.

Tghid li ghandha xoghol iehor gewwa spizerija ohra fejn tahdem ghoxrin siegha fix-xahar u tithallas bis-siegha, fejn hi taghmel xoghol ta' *replacement*.

Dwar l-attur tghid li jircievi l-pensjoni peress li kien bil-pensjoni ta' surgent tal-pulizija u sa fejn taf illum tahdem bhala Chief Security officer il-Freeport.

Tammetti li qiedgha f'relazzjoni ma' P C u ilha mieghu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, pero' tikkonferma ukoll li ma jghixux flimkien u lanqas ma tiddependi fuqu finanzjarjament. Izzid tghid li l-attur kien jaf x'inhu jiffirma u l-posizzjoni taghha ma bidlitx daqshekk. Tghid ukoll li kienu ftehmu fuq €200 fix-xahar u dan sabiex ikopri ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, peress kienet taf li kien ser itiha torturi sabiex ihallashom.

Il-konvenuta tikkonferma li l-attur kien baqa' jghaddilha manteniment ghall-uliedu sakemm baqghu jistudjaw. Lilha direttament ma kienx ighaddilha manteniment u ma fethitx proceduri u dan peress li kellhom ftehim.

Izzid tghid li l-manteniment tat-tfal kien ihallasu billi jhalli l-flus f'envelope u jimpustahom fil-letter box jew kien jikkomunika mat-tfal. Tghid li recentement kienet sabet envelope indirizzat lilha b'€200 u din kienet l-ewwel darba li qatt grat. Tichad li qatt irceviet *bank draft.*

Tghid li mhix qed tippretendi li jtiha l-manteniment ghaliha u kienet cedietu u l-unika preokkupazzjoni taghha kienet li jibqa' jghin lit-tfal sakemm itemmu l-istudji taghhom l-Universita' u tikkonferma li fil-fatt ghadu jmantni l-izghar wild peress li ghalkemm iggradwat ghadha ma sabitx xoghol.

Tikkonferma ukoll li ma kinitx thallset il-*cost of living increases*.

In kontro-ezami, il-konvenuta tispjega li l-problemi fiz-zwieg kienu li l-attur kien ihobb johrog mal-hbieb u jixrob, imbaghad kien jirritorna lura d-dar xurban u jarahom zejda u jsir aggressiv.

Imbaghad kien hemm ukoll problemi ta' adulterju ma' certu wahda C , fejn kienu anke jaqsmu apartament. Kienet iddecidiet li tahfirlu sabiex jippruvaw isalva z-zwieg minabba li kellhom it-tfal.

Ghalkemm tikkonferma li ma kienx qed ihallasha l-€200 taghha, kienet ghamlet rapport darba u peress li l-attur kien ghamel kjass shih kienet iddecidiet li ma tergax taghmel rapport ghaliex kien persuna li kien ihobb jintimidaha.

Kien biss meta heddidha *b'pump gun* li kellu u li kienet licenzjata, li qabdet it-tfal u marret tghix ghand ommha.

3. **N C** bint il-partijiet tikkonferma li l-attur kien hafna drabi jghaddilhom manteniment direttament. Kien ihalli l-flus go envelope u kienet tifthu d-dar, tghodd il-flus u thallihom ghall-konvenuta. Tghid li generalment kien ikun hemm €400, izda gieli kien hemm anqas.

Meta l-ewwel darba l-konvenuta kienet indunat li kien hallas inqas kienet marret taghmel rapport l-Ghassa u meta l-attur sar jaf kien ghamel storja shiha u u l-konvenuta bezghat, tant li ddecidiet li ma riditx tkompli taghmel rapporti ghaliex ma riditx taqlaghlu l-inkwiet u inoltre ma riditx tbiddel ir-relazzjoni taghom ma' missierhom.

Gieli hi u ohtha kienu jmorru ma' missierhom sabiex jigbdu l-flus mill-ATM bhala manteniment.

Tikkonferma li kien hemm glied ghax missierha mhux persuna facli, u gieli kien hemm vjolenza. Il-glied kien ikun fuq adulterju kommess mill-attur.

4. **EC** bint il-partijiet tikkorobora l-verzjoni ta' ohtha N . Tghid li kienet issib dejjem €400 fl-enevelope. L-ahhar envelope kien fih €200 li kienu taghha.

5. **A SP** jikkonferma li huwa s-sid tal-ispizerija Balzan Pharmacy u li l-konvenuta ilu tahdem mieghu part-time ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena bhala salesgirl.[1]

6. **HC** jikkonferma li huwa s-sid ta' Tat-Targa Health Clinic u jikkonferma li l-konvenuta ilha tahdem mieghu minn Marzu, 2013 bhala *reliever* tar-*receptionist*. Hi tahdem ghal 25 siegha fix-xahar bir-rata ta' €4.20 s-siegha. Dan ix-xoghol huwa rregistrat mal-ETC.

7. **Mario Caruana** in rapprezentanza tal-Malta Freeport Terminals Limited jikkonferma li l-attur ma jahdimx maghhom.

8. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li l-konvenuta mhix qed tircievi l-ebda beneficcji socjali.

---

[1] Doks. ASP 1 – ASP 3

9. **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-ETC jikkonferma l-employment history tal-konvenuta,[2] kif ukoll tal-attur.[3]

10. **Dr.Kathleen Attard** mid-Dipartiment tal-Pulizija tikkonferma li l-attur kien irtira mill-Korp tal-Pulizija fit-14 ta' Jannar, 2013 u spicca bil-pensjoni. Meta spicca kien fi grad ta' Surgent. Ipprezentat l-FS3's ghas-snin 2012 u 2013.[4]

11. **Sharon Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali tikkonferma li l-attur ma jircevix beneficcji socjali. Tikkonferma li l-konvenuta kienet tircievi childrens allowance.[5]

12. **Angelo Said**, in rapprezentanza tal-Pensjoni tat-Tezor xehed dwar il-pensjoni tas-servizz tal-pulizija li jircievi l-attur. Jikkonferma li s'issa l-attur ircieva €69,253.23. Kull sena jircievi €11, 938 u kull xahar €994.83 u dawn jibqa' jippercepihom sal-mewt. Tikkonferma li dawn l-ammonti citati huma *gross.*

13. **Deborah Scifo** in rapprezentanza ta' Transport Malta tikkonferma li l-attur huwa mpjegat ma' TM bhala Maritime Security Compliance Executive u ilu mit-2 ta' Dicembru, 2013 jahdem maghhom. Dwar l-introjtu

---

[2] Dok. ETC 1
[3] Doks. ETC 2
[4] Dok.s Police 1 u Police 2

[5] Doks. DSS 1

pprezentat l-FS 3 s tieghu,[6] kif ukoll il-kuntratt tax-xoghol tieghu.[7] Tikkonferma li l-paga tal-attur hija ta' €2062.50 bhala paga mensili bazika.

14. **C B** kugint l-attur tispjega li hi u l-konvenuta kienu hbieb miz-zmien l-iskola u kienu qishom ahwa. Saret taf lill-attur minghandha peress li kienu johorgu flimkien.

Tghid li wahda mill-problemi li dejjem kellhom fir-relazzjoni taghhom, kien il-fatt li l-attur kien ihobb ighix hajja ta' guvni, u jonfoq hafna flus fil-bars u kazinijiet. Anke wara z-zwieg, il-konvenuta kienet dejjem wahedha bit-tfal u l-attur ma tantx kien iqatta' hafna hin maghhom bhala familja.

Izzid tghid li fis-sajf tas-sena 1997, il-konvenuta kienet qaltilha li saret taf li l-attur kellu relazzjoni ma' certu C G u kienet urietilha darba ghax kienu rawha meta kienu flimkien. Kienu ghamlu zmien irrikonciljaw, izda l-konvenuta qabditu f'telefonata fejn semghet il-konversazzjoni bejn l-attur u dina G bhal namrati. Kien ammetta kemm maghha kif ukoll mal-konvenuta li kellu relazzjoni ma' dina l-mara. Peress li ma felhitx tara lill-konvenut isoffri izjed kienet baghtet ghall-attur sabiex jippruvaw jirrikonciljaw.

Minkejja li tghid li kellha relazzjoni tajba hafna mal-partijiet, dan kien biss sakemm isseparaw, ghaliex l-attur ma baqax ikellimha, Tghid li kienet ippruvat tirrikonciljahom, izda l-attur kien hassar. Dak li xehdet fuqu u dwar dak li qalulha l-konvenuta u t-tfal.

Tikkonferma ukoll li kienet taf li l-konvenuta kienet f'relazzjoni ma' P C u kienet bdiet tohrog mieghu xhur wara s-separazzjoni.

---

[6] Doks, DS 1 – DS 7

[7] Dok. DS 8

15. **DM** tikkonferma li hija l-partner tal-attur u li ilha mieghu ghal dawn l-ahhar sitt snin. Tishaq li taf li l-attur ihallas manteniement fis-somma ta' €200 fix-xahar ghall-konvenuta peress li l-obbligi tieghu lejn it-tfal kien waqqfu.

Tispjega ukoll li ghall-habta tas-27 ta' Awissu, 2021 kienet hallset il-mitejn Euro mill-kont taghha. Il-flus tat-tfal kien ipoggihom gewwa envelope u kien iwaddabulhom fil-*letter box*.

Minn Awissu, 2021 tghid li qed ihallas il-€200 cash u jpoggihom gewwa envelope. Kien hemm problema u kienet marret il-bank sabiex johrogrulha *bank draft* sabiex jithallas il-manteniment lill-konvenuta. Tikkonferma li mbaghad l-attur baqa' jhallas cash go l-envelopes u gieli kien hemm drabi meta kienet tkun mieghu u jwaddbu dawn l-envelopes fil-*letter box*.

16. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. tikkonferma li kien inhareg *bank draft* payable number 672877 fis-27 ta' Awissu, 2021 u li ghadu ma ssarrafx. Bhala *bank draft* ghandu validita' ta' sitt xhur. Peress li huwa guaranteed *bank draft* jista' jiggedded billi l-persuna fuq min harget il-*bank draft* imur u jbiddel id-data. Ghalhekk bhalissa d-draft huwa skadut.

17. **Dr.Sarah Sultana**, konsulent legali tal-konvenuta tikkonferma li l-attur kien naqas li jhallas lill-konvenuta l-manteniment taghha u ilhom f'battalja legali sa mis-sena 2011. L-ilmenta tal-konvenuta kien li l-attur ma kienx qed ighaddilha l-manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni. Kien

ihallas tat-tfal biss, izda lanqas ma kien izid l-gholi tal-hajja kull tlett snin mid-data tal-kuntratt.

Tinsisti li kemm il-darba kienet wissiet lill-konvenuta sabiex tirrapporta lill-attur, izda kienet tibza minhabba li kien jahdem ta' surgent u ma kienx issir gustizzja maghha. Kienet tibza ukoll li jekk tmexxi kontrih kien jispicca l-habs u la darba kien missier uliedha, kienet tippreferi tibqa' lura.

Meta fl-ahhar iddecidiet taghmel rapport, kienet bezghat hafna peress li l-attur kien sar jaf u kien ghamel xenata kbira. Gara pero' li l-attur kien ghamel minn kollox sabiex ma jigix notifikat u l-kawza waqghet preskritta. Kien ghalhekk li l-konvenuta kienet iddecidiet li ma riditx tirrapporta izjed u kienet riedet pero' li tirrapporta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan minhabba li l-attur kien qed jiddikjara li qed ihallas manteniment, meta ma kienx minnu.

Wara li nfethet il-kawza Rik Nru. 105/2014, fejn l-attur kien qed jipprova jwaqqaf il-manteniment ta' martu ghaliex skond hu kien inbiddlu c-cirkostanzi finanzjarji taghha, apparti li kien accenna li kienet f'relazzjoni ma' certu PC , il-konvenuta kienet infurmataha li kienu f'negozjati biex jittransigu l-kawza, billi hi tirrinunzja ghall-manteniment dovut lilha ai termini tal-kuntratt, inkluz l-arretrati ta' manteniment dovuti lilha u l-awmenti fuqu dovuti tul is-snin. Da parti tieghu, l-attur kien dispost li jibqa' jhallas manteniment ghaz-zewgt itfal sakemm ighalqu 27 sena.

F'Gunju, 2016, il-konvenuta kienet talbitha sabiex temenda l-kuntratt ta' separazzjoni fis-sens li l-konvenuta kienet ser tirrinunzja ghall-manteniment taghha u anke ghall-arretrati, filwaqt li lit-tfal ikompli jhallas sakemm ighalqu 27 sena, b'dana li l-awmenti fuq il-manteniment tat-tfal li kienu dovuti ghas-snin 2012 u 2015 jigu komputati u jithallsu mill-attur.

Kien hemm ukoll klawsola li l-kawza li kien fetah l-attur tigi ceduta, filwaqt li ghandu jhallas l-ispejjes tal-kawza.

Minkejja li saru dawn l-emendi u l-attur kien gie avzat bihom tramite l-avukat tieghu, qatt ma gie ffirmat. L-attur baqa' jzomm ma' dak miftiehem u cioe' li jhallas manteniment sakemm it-tfal ighalqu 27 sena.

**Konsiderazzjonijiet**

**L-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Eccezzjoni**

L-attur qed jitlob lil dina l-Qorti tippronunza s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju kommess mill-konvenuta, kif ukoll jitlob li l-konvenuta permanentement iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand zewgha u ghaldaqstant, spicca d-dritt taghha li tezigi l-manteniment ghaliha minghand l-attur ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Settembru, 2009.

**Il-Posizzjoni Legali**

**L-Adulterju**

F'diversi okkazzjonijiet dina l-Qorti stabbilit li bhala aggravju tas-separazzjoni sabiex jigi ppruvat l-adulterju jehtieg li "jigi ppruvat permezz ta' ndizji u prezunzjonijiet purche' jkunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."[8]

---

[8] Rita Schembri vs Dot. Albret Grech et.noe.

Fil-kawza **Josephine Edwards vs Avukat Dr.Joseph a. Xuereb noe**. Il-Qorti qalet illi "***Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza "de visu," jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvincement tal-fatt."***

Fl-assenza tad-disposizzjoni legislattiva li tillimita dina l-provi, huwa ormai pacifiku fid-duttrina u gurisprudenza li l-adulterju "***dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali .."***[9]

Tant hu hekk li d-disposizzjoni Artikolu 48 (d) tal-Kodici Civili jikkontempla hekk:-

"48. (1d) *Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*Il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz, li taghtiha l-manteniment bis-sahha tal-ogglibu li jitnissel miz-zwie*g."

Jigi rilevat li fil-Kodici Civili taghna, mhuwiex specifikat illi kuntratt ta' separazzjoni personali jista' jigi emendat fl-eventwalita' ta' adulterju ta' xi parti. L-istess Kodici lanqas ma jaghti fakolta' lil xi parti biex titlob lil Qorti tvarja l-provvedimenti stipulati f'kuntratt ta' separazzjoni personali rigwardanti l-manteniment, minkejja li jaghti l-istess fakulta' fuq klawzoli ohra, bhalma hu per ezempju l-kaz ta' kura u kustodja tal-ulied.

Kif ben tajjeb irrileva l-attur, l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili huwa l-artikolu relevanti ghad-dekadenza mill-manteniment u fuq kollox huwa marbut mad-dikjarazzjoni ta' htija f'kawza ta' separazzjoni.

---

[9] Carmelo sive Charles Farrugia vs Josephine Farrugia

L-insenjament dejjem kien li l-Qorti ma tistax tilqa' talba ghad-dikjarazzjoni tad-dekadenza fin-nuqqas ta' talba ghall-pronunzja tas-separazzjoni personali. Gie stabbilit ukoll li biex ragel mifrud minn ma' martu ikun esentat mill-obbligu tal-hlas tal-alimenti jrid qabel jaghmel b'success kawza ta' separazzjoni personali fuq kawzali ta' adulterju li kienet eskluza fil-motivi tas-separazzjoni u issopraveniet wara.

Dan l-insenjament gie segwit fil-kaz **Francis Bugelli vs Josephine Borg Bugelli**, deciza fis-26 ta' Marzu, 1996, fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:-

> ***"Il-Qorti tissottolinea li l-konsegwenzi li jissemmew fl-Artikoli 48 u 52 tal-Kodici Civili huma proprjament applikabbli f'kawza fejn ikun hemm talba ad hoc sabiex ikun ippronunzjata l-firda bejn il-konjugi. Din ir-regola tohrog mil-lokuzzjoni cara tal-ligi stess kif ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-gurisprudenza tat-tribunal taghna."***

F'dina s-sentenza, l-attur kien qieghed jitlob id-dekadenza mid-dritt tal-alimenti iffissat favur martu f'kuntratt ta' separazzjoni personali. Qed jitlob ukoll rifuzjoni ta' ammont ta' alimenti mhallsa, ghar-raguni allegata minnu li l-konvenuta kkommettiet adulterju wara li sar l-imsemmi kuntratt.

Jirrizulta ghalhekk li ai termini tal-Artikolu 48, parti li tkun gia' legalment separata u tallega li l-parti l-ohra hija hatja ta' adulterju u konsegwentement iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment, m'ghandhiex rimedju msejjes fil-Kodici Civili.

F'din is-sentenza ta' **Bugelli,** dina l-Qorti kienet iktar flessibbli u ppruvat tipprovdi rimedju ghal dina l-lakuna fil-ligi:-

> "***Hija l-gurisprudenza taghna li pprovdiet rimedju f'kaz bhal dan u nehhiet dina l-lakuna mil-ligi, u dana stante li l-Qrati taghna stabbilixxew illi l-fatt li l-partijiet ikunu gja separati, m'humiex ta' ostakolu ghal xi parti li jitlob is-separazzjoni mill-gdid, ghab-bazi ta' fatti li avverraw ruhhom wara l-ghoti tal-ewwel sentenza jew tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali."***

Hawnhekk il-Qorti mxiet fuq l-insenjament li kienet tat Qorti ohra kif diversament ippreseduta fil-kaz **Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici noe. Vs. Dr. Hugh McKibbin** fejn gie ritenut:-

> ***"Il-fatt li bejn il-mizzewwgin ga giet moghtija sentenza ta' separazzjoni personali kontra wiehed mill-konjugi ma hux ta' ostakolu illi l-konjugi ddikjarat hati f'dik is-sentenza jitlob is-separazzjoni tieghu kontra l-konjugi l-iehor ghall-htijiet ta' dana fuq fatti li graw wara s-sentenza."***

Mir-rizultanzi processwali l-adulterju qatt ma gie kkontestat mill-konvenuta li presentement qiedgha f'relazzjoni ma' PC . Tinnega li tghix mieghu pero' u tikkonferma li ghadha tghix id-dar flimkien ma' uliedha.

Il-verzjonjiet kontrastanti huma fir-rigward meta bdiet ir-relazzjoni bejn il-konvenuta u PC . . Fix-xhieda taghha fl-2022, il-konvenuta stqarret illi kienet ilha ma' C , ghal disa' snin, kwazi ghaxar snin, li jfisser li dina r-relazzjoni bdiet ghall-habta tas-snin 2011/2012. Dina l-verzjoni hija

kkorroborata ukoll minn C B , li ghalkemm kugina tal-attur, kienet ukoll habiba kbira tal-konvenuta sa miz-zmien l-iskola u tikkonferma li kienet konsapevoli li r-relazzjoni ma' C kienet bdiet xi xhur wara s-separazzjoni, pero' ma kinitx taf ezatt meta sseparaw.

Il-partijiet kienu sseparaw fl-2009 u huwa biss l-attur li jinsisti li l-konvenuta kienet bdiet ir-relazzjoni qabel is-separazzjoni, pero' l-indikazzjonijiet kollha juru li dina r-relazzjoni bdiet wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u cioe' fis-sena 2012.

Ghalhekk, in vista ta' nuqqas ta' kontestazzjoni jirrizulta li l-adulterju gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi,

Huwa ben risaput ukoll li anke jekk kemm il-darba, koppja tissepara jekk permezz ta' sentenza jew tramite kuntratt konsenswali, jibqa' l-fatt li l-partijiet ghad ghandhom l-obbligu ta' fedelta' lejn xulxin u jekk dan l-obbligu ma jigix onorat, igib mieghu konsegwenzi kbar. Huwa hawn li l-Artikolu 48 jitlob l-applikazzjoni tassattiva fil-kaz ta' adulterju gialadarba jigi ppruvat u konsegwentement dik il-parti li hija hatja tiddekadi mid-dritt taghha li tircievi manteniment,

Il *punto sta* li f'dina l-kawza tressqu ukoll allegazzjonijiet li kien hemm adulterju kommess mill-attur ma' wahda certu C u kien hemm nisa ohra u dan huwa kkonfermat mill-prezenti siehba tal-attur DM . Bint il-partijiet N , ukoll tikkonferma li meta kienet izghar kienet tisma' l-glied bejn il-kontendenti u kien jikkoncerna ukoll, fost ohrajn, l-infedelta' ta' missierha u dan kien ferm qabel ma sseparaw.

Il-konvenuta stess tikkonferma li kienet ikkonfrontat lil din C li ammettiet ir-relazzjoni u li kienet anke toqghod f'appartament flimkien mal-attur. Il-verzjoni taghha hija kkorroborata minn CB , li tammetti li taf dawn il-fatti personalment ghaliex ghexithom flimkien mal-konvenuta gurnata b'gurnata.

Rinfaccjata b'dina s-sitwazzjoni fejn l-attur stess jirrizulta li kkometta adulterju qabel is-separazzjoni, dina l-Qorti ma tistax tahsibha mod iehor, hlief li l-adulterju tal-attur kien wiehed mir-ragunijiet li wassal ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg.

F'dan il-kuntest dina l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-konvenuta meta rreferit ghall-kawza **Francis Bugelli vs Josephine Buhagiar gia Bugelli** :-

> "***Id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti sabiex tiddeciedi jekk ghandux ikun hemm id-dekadenza mid-dritt ghall-manteniment ma tistax ma tkunx favur l-appellanti li kienet il-vittma tal-hajja adultera tal-attur li kisser il-hajja familjari tal-appellanti u li minflok, jippretendi, waqt li jipperdura fil-hajja adultera, li jivvantaggja ruhu mid-dritt tal-fedelta' ta' martu minnu oltreggjata fl-istess waqt li huwa jkassbar l-istess obbligu li ghandu huwa ghall-fedelta' lejn martu..***
>
> ***.....***
>
> ***L-Att XXI tal-1993 ma biddilx l-obbligu tal-mizzewwgin ghall-fedelta'.. U li, skond l-Artikolu 45 u 52 tal-Kap.16, meta z-zewg***

***partijiet ikunu kkommettew adulterju, il-Qorti kellha diskrezzjoni sabiex tiddeciedi kellux jintilef il-jedd tal-manteniment.,"***

Il-*fatto st*a li l-konvenuta hija vittma tal-adulterju tal-attur li kkommetta waqt iz-zwieg u minflok jippretendi li ghalkemm kellu u ghandu siehba wara s-separazzjoni dan ma kienx adulterju u l-konvenuta biss kienet l-adultera li ghandu jwassal ghad-dekadenza taghha mill-manteniment a vantagg tieghu. A bazi ta' dina d-diskrezzjoni dina l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tichad it-tieni u t-tielet talba.

Dina l-Qorti tkompli taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenuta in kwantu li t-tieni u t-tielet talba ghandhom jigu respinti u dan minhabba "***n-nuqqas palezi da parti tal-attur ghal snin shah illi jindirizza dina il-kwistjoni tal-adulterju meta kien ben konxju taghha u meta allegaha hu stess u addiritura kien hu stess li ilmenta mid-dekadenza tal-manteniment snin shah ghandu jimmilita kontra l-istess attur***."

F'dan ir-rigward, dina l-Qorti taqbel mal-konvenuta li l-attur ilu minn Novembru, 2011 jikkontendi li l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' P C u sadanittant dam jistenna ghaxar snin sabiex jintavola dawn il-proceduri.

Fil-frattemp beda bil-proceduri ta' medjazzjoni fit-30 ta' Novembru, 2011 fejn ghamel referenza ghar-relazzjoni tal-konvenuta. Dan gie segwit

b'rikors fl-istess atti ta' medjazzjoni fejn ghamel referenza ghall-adulterju tal-konvenuta u l-konsegwenti dekadenza ghall-manteniment.[10]

Dawn il-proceduri gew segwiti b'Rikors generali 44/13 bir-rikors promotur datat 30 ta' Jannar, 2013 jirreferi ghall-adulterju li gie a konoxxenza tieghu li lkoll gew michuda minn dina l-Qorti peress li l-attur kien ghazel il-proceduri zbaljati. Ciononostante, rega' ghazel illi ma jiftahx proceduri ghad-dikjarazzjoni mill-gdid tas-separazzjoni minhabba adulterju u d-dekadenza li kien ilu jilmenta fuqu. Minflok fetah proceduri Rikors Nru. 105/14 fejn talab varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni, liema kawza cediha wara seba' snin. Ghalkemm mhux l-ewwel darba f'dina l-kawza odjerna li semma' l-adulterju, b'mod sfaccat iddikjara li qed icedi l-kawza peress "***fil-provi jirrizulta l-adulterju tal-intimata u ghalhekk l-esponenti ghandu interess li jipprezenta kawza apposita li tirrifletti l-kawzali appositi u talbiet appoziti skond il-ligi."***

Tenut kont ta' dan kollu, dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza **Andrew Bugeja vs Doreen Busuttil**, fejn il-Qorti qalet hekk:-

> ***"Il-Qorti pero' ukoll fid-diskrezzjoni taghha ma thossx li ghandha tippenalizza lill-konvenuta daqshekk li tapplika d-dekadenza retroattivament. Hawn wiehed ghandu jghid illi l-attur ma ressaqx provi rigward l-ammont ta' flus li effettivament hallas mill-mument (jekk jista' jigi stabbilit) meta l-konvenuta kkommettiet l-adulterju."***

[10] Rikors datat 15 ta' Mejju, 2012 a fols. 5-6 tal-process

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tirrespingi t-tieni u t-tielet talba, in kwantu tiddikjara d-dekadenza mid-data tas-sentenza u cioe' l-15 ta' Ottubru, 2024 u mhux retroattivament.

**Ir-Raba' u l-Hames Talbiet Attrici**

F'dawn it-talbiet l-attur qed jippretendi li jigi rimborzat ghall-ammont ta' manteniment indebitament imhallas lill-konvenuta, wara li dina l-Qorti tillikwida l-istess ammont, kif ukoll tordna r-rifuzjoni ta' dina s-somma hekk likwidata kif ukoll rifuzjoni ta' kull somma ohra li hija rifondibbli lilu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre, l-attur jindika li dina s-somma tammonta ghal €31,200 rapprezentanti 13-il sena li fihom allegatament il-konvenuta rceviet il-manteniment taghha ta' €200 fix-xahar/€2400 fis-sena waqt li kienet f'relazzjoni ma' PC

Il-Qorti ser tikkunsidra dak li ssottometta l-attur u dak li ssottomettiet il-konvenuta sabiex tikkonkludi jekk l-attur irnexxielux jipprova soddisfacentement li hallas il-manteniment lill-konvenuta, gialadarba hemm kontestazzjoni li ma hallasha xejn minn meta sseparaw legalment.

Hemm diversi fatturi li ma jikkonvincux lil dina l-Qorti li l-attur huwa kredibbli u li ghalhekk mhux minnu li hallas manteniment dovut lill-konvenuta.

Primarjament, kien hemm okkazzjoni wahda fejn il-konvenuta ddecidiet li taghmel rapport fuq l-attur li mhux qed jottempera ruhu mal-ftehim fuq manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni. Hu jinsisti li kien wehel diversi multi in konsegwenza ta' dawn il-proceduri kriminali, izda l-verzjoni tieghu tirrizulta inveritiera u dan meta l-istess Stephania Calafato Testa in rapprezentanza tal-Qrati kkonfermat li ma rrizultawlha ebda multi li gew imposti fuq l-attur.

Oltre minn hekk Dr. Sarah Sultana, l-avukata li tippatrocinja lill-konvenuta kkonfermat di *scienza propria* li l-attur kien ghamel minn kollox sabiex jevita li jigi notifikat bil-proceduri kriminali li nfethu kontrih, tant li l-proceduri waqghu bi preskrizzjoni. Dina l-Qorti mhux sorpriza peress li l-attur kien jahdem fil-pulizija u meta hareg bil-pensjoni kien spicca fir-rank ta' surgent u certament jaf ben tajjeb il-proceduri kriminali u x'jehtieg biex jittawwlu, tant li m'ghandhiex dubju li abbuza mis-sistema u l-konoxxenza tieghu.

Wara dan l-incident, tant kien sar theddid mill-attur fil-konfront tal-konvenuta, tant li bezghat u ma regghetx ghamlet rapporti u dan huwa kkonfermat mill-avukat taghha stess Dr.Sarah Sultana u ghalhekk il-Qorti tifhem ghalfejn ma regghetx infurzat il-hlas ta' manteniment.

Il-proceduri ta' divorzju mibdija u ceduti mill-attur ukoll jixhtu dawl ikrah fuq il-kreddibilita' tieghu. Sabiex tigi milqugha talba ghall-hall taz-zwieg jehtieg li jigu soddisfatti diversi kundizzjonjiet u cioe' li m'hemmx cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, li ghaddew erba' snin minn meta sseparaw, kif ukoll li l-hlas ta' manteniment huwa saldat.

Il-konvenuta opponiet ghal tali divorzju, stante li l-attur ma kienx qed ihallas il-manteniment u ghaldaqstant kien jispetta ghall-attur biex jipprova li ma kienx hemm arretrati ta' manteniment.

Illi l-attur rinfaccjat b'dina l-kontestazzjoni tal-konvenuta m'ghamel xejn biex juri illi dak li kienet qed tallega l-konvenuta fir-rigward tal-manteniment ma kienx minnu, ma gabx il-provi tal-pagament minnu allegatament maghmula biex jikkontesta dak li sostniet il-konvenuta. Kien ghalhekk li fl-1 ta' Marzu, 2022 l-attur ipprezenta nota ta' cessjoni il-konfront tal-proceduri ta' divorzju.[11]

Il-Qorti hija konvinta li l-attur ma kienx f'posizzjoni li jipprova li jhallas il-manteniement u ghaldaqstant ma kellux triq ohra hlief li jcedi l-proceduri tad-divorzju u jimmanipula dawn il-proceduri odjerni.

Fuq kollox, kien jispetta lill-attur li jipprova l-pagamenti ta' manteniment li jallega li ghamel lill-konvenuta. Dan ipprova jaghmlu billi pprezenta prospett mhejji minnu stess fejn jindika s-somma li allegatament hallas ghal kull xahar tul is-sena liema perjodu beda mit-3 ta' Ottubru, 2009 sat-3 ta' Gunju, 2021.[12]

Bir-rispett kollu, dina l-Qorti ma tistax tistrieh fuq dan il-prospett li pprezenta l-attur minghajr ma ssostanzjah b'dokumenti appositi.  Alla

---

[11] A fol. 33 fil-process 215/2021
[12] Fols. 37 sa 42 u fols 115 sa 119 fl-affidavit tal-attur

hares dina l-Qorti kellha taccetta kull prospett bhala prova konklusiva. Ghaldaqstant, f'dan ir-rigward, l-attur naqas li jipprova li ghamel dan il-hlas anke fuq bazi ta' probabilita'.

Inoltre, tramite l-partner tieghu DM jittenta jipprova li kien jigbed il-flus regolarment mill-ATM sabiex ihallas manteniment u l-prassi kienet li kien ipoggi l-flus gewwa envelope u jixhethom fil-letter box u jibghat messagg jew icempel lit-tfal sabiex jigbruhom. M tittenta ssahhah il-hlas tal-manteniment tramite l-esebizzjoni ta' envelopes li tallega li fihom pogga l-flus ghall-manteniment tal-konvenuta u dan ghall-perjodu bejn Awissu 2021 u Marzu 2022.

Hija haga stramba li l-attur ma hassx li kellu jixhed dwar dawn l-envelopes jew tal-inqas jipprezentahom, izda kellha tkun is-siehba tieghu li ftakkret dwarhom. L-attur kien ikun iktar konvincenti li kieku ressaq lir-rapprezentanti tal-banek lokali sabiex jikkonfermaw it-transazzjonijiet li qed jirreferi u jallega li ghamel.

Inoltre, l-kredibbilita' tal-attur hija iktar dubjuza meta l-istess uliedu jikkonfermaw li l-attur kien ihallilhom l-manteniment fl-envelopes mill-bidu u li kien ikun fihom €400 generalment u kienu jifthuhom quddiem il-konvenuta. Jikkonfermaw li gieli kien hemm inqas u li qatt ma kien hemm il-manteniment ghall-konvenuta u di piu' qatt ma kien hemm xejn miktub fuq l-istess envelope.

Huwa ghalhekk difficli biex tigi mwemmna l-verzjoni tal-attur u ta' DM meta huma stess lanqas jaqblu min minnhom ha r-ritratti ta' dawn il-famuzi envelopes.

Hija ukoll wisq koincidenza li ftit qabel is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2022 , il-konvenuta kienet irceviet envelope li kien jikkontjeni fih il-manteniment fl-ammont ta' €200 ghall-perjodu bejn il-25 ta' Frar, 2022 sal-24 ta' Marzu, 2022 u l-istess ghall-perojodu 25 ta' Marzu, 2022 sal-24 ta' April, 2022, liema envelopes, l-istess konvenuta tat lura tramite l-avukat taghha peress li qatt ma kienet irceviet dawn l-envelopes bil-manteniment fih.[13] Dan huwa kkorroborat ukoll minn ulied il-partijiet N u E. Dan kollu mhux kontradett mill-attur.

Sabiex it-tesi tal-konvenuta tigi sostnuta izjed, Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. tikkonferma li l-*bank draft* li gie mahrug kien skadut u qatt ma ssarraf u skond DM , is-siehba tal-attur kienet harget dan il-*bank draft* fl-ammont ta' €200 ghall-konvenuta hi stess peress li l-card tal-attur ma kinitx qed tahdem.

Inoltre, fis-sottomissjonijiet tieghu, l-attur naqas li jikkummenta dwar il-fatt li kien iddeposita xi manteniment permezz ta' cedoli ta' depozitu l-Qorti u dawn kienu jkopru l-perjodu bejn il-25 ta' Frar, 2022 sal-14 ta' Ottubru, 2022 u iehor ghall-poerjodu bejn il-25 ta' Frra, 2023 u l-24 ta' Lulju, 2023 fl-ammonti ta' €1,959.36 u €972.69.[14] Ghaldaaqstant, ma jirrizultax li kien

---

[13] Dok. Y Fols 254 sa 257
[14] Fol. 260 u 264 tal-process

hemm zbank ta' dawn ic-cedoli u l-attur ma jistax jippretendi li jinghata r-rifuzjoni taghhom ukoll.

M'hemmx kontestazzjoni li l-attur dejjem hallas il-manteniment ghall-uliedu u bhala forma ta' transazzjoni, waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri ghall-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, li mbaghad l-istess attur ceda, kien hemm avvicinament mill-attur sabiex jigi varjat il-kuntratt fis-sens li l-konvenuta ccedi l-manteniment taghha, filwaqt li jibqa' jhallas manteniment ghat-tfal sakemm jaghlqu 27 sena. Wara li sar l-abbozz, l-attur qatt ma rrisponda ghal dak li kien effettivament propost minnu, pero' ciononostante baqa' jhallas sakemm it-tfal ghalqu 26 sena.

Fuq ammissjoni tal-attur stess ma kienx hallas iz-zieda fil-manteniment li kellu appositament jizdied kull tlett snin skond l-gholi tal-hajja u l-istess kien japplika ghall-manteniment tal-konvenuta. Il-Qorti taqbel mal-kalkulazzjonijiet raggunti mill-konvenuta, fejn l-ammont dovut mill-attur ghaz-zieda tal-manteniment skond l-gholi tal-hajja jammonta ghal €3,218.44[15] u ghaldaqstant l-attur ma jistax jippretendi li jigu rifuzi lilu dawn l-ammonti.

Tenut ta' dan kollu, l-attur naqas li jipprova sufficentement li effettwa l-hlas tal-manteniment dovut lill-konvenuta tul dawn l-ahhar tlettax-il sena (li suppost huma tnax-il sena peress li gie stabbilit li ilu minn dan iz-zmien li l-konvenuta bdiet ir-relazzjoni taghha ma'  PC  ) u ghalhekk ma jistax jippretendi li jinghata rifuzjoni taghhom.

---

[15] Fols. 21 u 22 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta.

Dan apparti l-fatt li tul dan iz-zmien kollu, minkejja li l-attur kien konsapevoli li l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' PC , qatt ma imposta proceduri fuq id-dekadenza ta' manteniment minhabba adulterju kommess da parti tal-konvenuta u minflok ghamel 10 snin, jiftah u jaghlaq kawzi minn varjazzjoni ta' manteniment, ghall-divorzju li spicca biex ceda a skapitu tal-konvenuta u ghalhekk it-talba tieghu ghar-rifuzjoni retroattiva hija totalment ingustifikabbli.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte, u ghalhekk tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju kommess kemm da parti tal-attur kif ukoll tal-konvenuta.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-konvenuta permanentement iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand l-attur b'effett mid-data ta' dina s-sentenza u cioe' l-15 ta' Ottubru, 2024.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddeciedi li b'effett mid-data ta' dina s-sentenza u cioe' l-15 ta' Ottubru, 2024, spicca d-dritt tal-konvenuta li tezigi l-manteniment ghaliha minghand l-attur ai termini

tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Settembru, 2009.

4. Tichad ir-raba u l-hames talba attrici ghar-ragunijiet suesposti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tlitt kwarti mill-attur, u kwantu ghal kwart mill-konvenuta.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**
**Registrar**